MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 756/2007

**Robert u Jean Pace Bonello**

**vs**

**Paul Fenech ezercenti fil-kummerc taht l-isem**
**Paul Fenech Woodworks**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mitt lira Maltin (Lm 300), rapprezentanti depozitu mhallas mill-atturi ghal xoghol ta' bibien u gwardarrobba minghand il-konvenut, liema ordni saret f'April ta` l-2007 u liema konsenja kellha ssir sat-30 ta' April, 2007.

Illi minkejja diversi interpellanzi da parti ta` l-atturi, l-konvenut baqa' inadempjenti stante li x-xoghol ma giex ikkonsenjat.

Illi l-esponent qieghed ghalhekk jitlob il-flus lura.

Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitlob illi l-konvenut jigi kkundannat li jhallas l-ammont ta' Lm 300, bl-ispejjez u bl-imghax legali u li l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xhieda ta' Robert Pace Bonello fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2007 fejn huwa kkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki llum sabiex jirrispondi u ghalhekk l-ammont dovut ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------